

Brussell, 13 ta' Meju 2024  
(OR. en)

9769/24

JEUN 104  
SOC 348  
FREMP 235  
ONU 62  
EDUC 162

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-aġendi tal-politika Ewropej u Internazzjonali dwar it-Tfal, iż-Żgħażaġħ u d-Drittijiet tat-Tfal

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fit-13-14 ta' Meju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-aġendi tal-politika Ewropej u Internazzjonali dwar it-Tfal, iż-Żgħażaġħ u d-Drittijiet tat-Tfal

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI  
MLAQQGħIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU LI:

1. L-Unjoni Ewropea hija mwaqqfa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn il-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel jipprevalu, bħalma huma l-iżgurar tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet<sup>1</sup>,
2. Id-diskriminazzjoni tat-tfal u tal-ġenituri jew tal-kustodji legali tagħhom, abbażi ta' kwalunkwe raġuni bħas-sess<sup>2</sup>, ir-razza, il-kultur, l-orġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, jew l-identità tal-ġeneru hija pprojbita. Gruppi speċifiċi ta' tfal jiffaċċaw vulnerabbiltajiet partikolari u jsofru minn esklużjoni soċjoekonomika u diskriminazzjoni,

---

<sup>1</sup> L-Artikoli 2 u 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

<sup>2</sup> Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet ukoll li l-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa ma jistax jiġi limitat għall-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi tal-fatt li persuna hija ta' sess wieħed jew ieħor. Fid-dawl tal-għan tiegħu u n-natura tad-drittijiet li huwa jfittex li jħares, dan japplika wkoll għad-diskriminazzjoni li tqum minħabba bidla fil-ġeneru tal-persuna. Ara l-premessa 3 tal-preambolu tad-Direttiva 2006/54/KE. Meta jitqies il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, din id-dispożizzjoni hija rilevanti biss għall-ġenitur jew il-kustodju legali tat-tfal.

3. Huwa l-għan tal-Unjoni Ewropea li d-drittijiet tat-tfal jiġu protetti. Fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja. It-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u għall-kura meħtieġa għall-ġid tagħhom. Għandhom id-dritt li jesprimu fehmietom liberament. Dawn l-opinjoni għandhom jitqiesu f'materji li jirrigwardawhom skont l-età u l-maturità tagħhom<sup>3</sup>,
4. L-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu mmirati lejn l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa,
5. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal għandha l-għan li tibni l-aħjar ħajja possibbli għat-tfal fl-Unjoni Ewropea u madwar id-dinja, tappoġġa l-iżvilupp, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-UE u fuq livell dinji u tippromwovi u ttejjeb il-parteċipazzjoni inklużiva u sistemika tat-tfal fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE, pereżempju permezz ta' Pjattaforma ġdida tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal. Din tirrifletti d-drittijiet u r-rwol tat-tfal fis-soċjetà tagħna u tpoġġi lit-tfal u l-aħjar interessi tagħhom fil-qalba tal-politiki tal-UE, b'mod partikolari billi tenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tat-tfal fil-ħajja politika u demokratika<sup>4</sup>,

---

<sup>3</sup> L-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>4</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal" (COM(2021) 142, p. 1-2); biex jinkisbu l-oġġettivi stabbiliti fl-istrateġija, il-Kummissjoni ser tiżgura li l-perspettiva tad-drittijiet tat-tfal tiġi integrata fil-politiki, fil-leġiżlazzjoni u fil-programmi ta' finanzjament rilevanti kollha. Dan ser ikun parti mill-isforzi biex tinħoloq kultura adattata għat-tfal fit-tfassil tal-politika tal-UE u ser ikun appoġġat billi jiġu pprovduti taħriġ u bini tal-kapaċità lill-persunal tal-UE, u koordinazzjoni interna msaħħa permezz tat-tim tal-koordinatur tal-Kummissjoni għad-drittijiet tat-tfal. Ser tiġi żviluppata lista ta' kontroll tal-integrazzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal. Għal aktar informazzjoni ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal.

6. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, li trawwem il-parteciġazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika u tappoġġa l-involviment soċjali u ċiviku, għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażaġh kollha jkollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jieħdu sehem fis-soċjetà; il-11-il Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ – li huma parti integrali mill-istrateġija – huma ta' rilevanza għal dawn il-konklużjonijiet u b'mod partikolari l-Għan #9, "Spazju u Parteciġazzjoni għal Kulħadd", li għandu l-għan li jsaħħaħ il-parteciġazzjoni demokratika u l-awtonomija taż-żgħażaġh u jipprovdi spazji ddedikati għaż-żgħażaġh fl-oqsma kollha tas-soċjetà,
7. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal tirrakkomanda lill-Istati Membri li jiggarrantixxu lit-tfal fil-bżonn<sup>5</sup> aċċess effettiv u mingħajr ħlas għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja, għall-edukazzjoni u l-attivitajiet ibbażati fl-iskola, mill-inqas ikla waħda tajba għas-saħħa kull jum tal-iskola u l-kura tas-saħħa, kif ukoll aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata. L-Istati Membri kollha ħejjew il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom dwar kif jimplementaw din ir-rakkomandazzjoni,
8. Id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali tinkludi prinċipji u impenji dwar il-protezzjoni u s-setgħa lit-tfal u ż-żgħażaġh fl-ambjent diġitali<sup>6</sup>,

---

<sup>5</sup> Mifhuma bħala persuni taħt it-18-il sena li huma friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, ara l-Artikolu 3(a) tar-Rakkomandazzjoni.

<sup>6</sup> Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali (2023/C 23/01).

9. L-Istrateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal (BIK+) u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali huma elementi kostitwenti essenzjali biex jipproteġu, jagħtu s-setgħa u jirrispettaw lit-tfal u jipproteġu u jirrispettaw is-saħħa mentali u l-benesseri tagħhom online, inkluż permezz ta' inizjattivi bl-għan li jkun hemm sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom,
10. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal<sup>7</sup> jilqgħu l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tintegra l-perspettiva tad-drittijiet tat-tfal fil-politiki, il-leġiżlazzjoni u l-programmi ta' finanzjament rilevanti kollha tal-UE u jenfasizzaw ukoll l-importanza tat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tat-tfal fil-ħajja politika u demokratika fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE, inkluż bl-istabbiliment ta' mekkaniżmi ġodda u bl-appoġġ ta' dawk eżistenti għal parteċipazzjoni inklużiva u sikura sinifikanti mit-tfal u bil-promozzjoni ta' parteċipazzjoni ugwali mit-tfal mingħajr diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip u jafferaw mill-ġdid l-importanza li jingħaqdu l-isforzi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, jiġifieri l-Kunsill tal-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti, fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-UE u madwar id-dinja,
11. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġendi ta' Politika Ewropej u Internazzjonali dwar it-Tfal, iż-Żgħażaġħ u d-Drittijiet tat-Tfal jinkoraġġixxu lill-Istati Membri biex jikkooperaw u jieħdu rwol attiv fil-qasam tat-tfal, iż-żgħażaġh u d-drittijiet tat-tfal u f'laqgħat internazzjonali futuri kemm fil-livell tal-esperti kif ukoll f'dak ministerjali li jittrattaw id-drittijiet tat-tfal<sup>8</sup>,

---

<sup>7</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (10024/22).

<sup>8</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-Aġendi tal-Politika Ewropej u Internazzjonali dwar it-Tfal, iż-Żgħażaġħ u d-Drittijiet tat-Tfal (2010/C 326/01).

12. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), il-Protokollu Fakultattivi u l-Kummenti Ġenerali tagħha tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal jiffurmaw it-trattat fundamentali li jistabbilixxi d-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali, tas-saħħa u kulturali tat-tfal, u l-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli tistinka biex tipprovdi lit-tfal u liż-żgħażaġh b'ambjent ta' trawwim għar-realizzazzjoni sħiħa tad-drittijiet u l-kapaċitajiet tagħhom,
13. L-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tat-Tfal 2022-2027 tiegħu approċċ trażversali u tħares aktar mill-qrib lejn l-isfidi multipli, spiss interrelatati li jiffaċċaw it-tfal u dawk li jipproteġu d-drittijiet tagħhom, iżda wkoll lejn it-tisħiħ tar-rwol tat-tfal, it-tisħiħ tad-dritt tagħhom li jinstemgħu u li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet meħuda mill-adulti, kif ukoll lejn ir-reazzjonijiet interdixxiplinari u bejn l-aġenziji li huma meħtieġa biex tittieħed azzjoni effettiva. L-istrateġija għandha l-għan li ssib sinerġiji mal-prijoritajiet u l-azzjonijiet proposti minn strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni oħra tal-Kunsill tal-Ewropa, bħall-istrateġija għas-settur taż-Żgħażaġħ 2030, u mal-UE, b'mod partikolari mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal<sup>9</sup>,
14. L-Istrateġija 2030 tal-Kunsill tal-Ewropa għas-settur taż-żgħażaġh tiddikjara li s-settur taż-żgħażaġh tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jkollu l-għan li jippermetti liż-żgħażaġh madwar l-Ewropa biex b'mod attiv jirrispettaw, jiddefendu, jipromwovu u jibbenefikaw mill-valuri ewlenin tal-Kunsill tal-Ewropa tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, b'mod partikolari billi jissaħħaħ l-aċċess miż-żgħażaġh għad-drittijiet, jiġi approfondit l-għarfien dwar iż-żgħażaġh u titwessa' l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh. Din tirrikonoxxi l-importanza li jinkisbu koerenza u sinerġija mal-ħidma tal-partijiet ikkonċernati internazzjonali rilevanti kollha fil-qasam taż-żgħażaġh, b'mod partikolari mal-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti<sup>10</sup>,

---

<sup>9</sup> L-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tat-Tfal 2022-2027 (pp. 10 u 5, 13, 27, 33, 39, 50).

<sup>10</sup> Ir-Riżoluzzjoni CM/Res(2020)2 tal-Kumitat tal-Ministri dwar l-Istrateġija għas-settur taż-żgħażaġh 2030 (p. 13-14).

15. L-Istrateġija tal-Edukazzjoni 2024-2030 tal-Kunsill tal-Ewropa, li tiddikjara li l-viżjoni ġenerali fit-tul tagħha hija li l-istudenti kollha ser ikunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini attivi fis-soċjetajiet demokratiċi Ewropej. Din il-viżjoni fit-tul ser tinkiseb f'kooperazzjoni mal-Istati Membri permezz ta' programm li l-missjoni ewlenija tiegħu hija li jtejjeb il-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-edukazzjoni sabiex jittejjeb l-akkwist tal-għarfien u l-kompetenzi għall-ħajja f'soċjetajiet demokratiċi u li jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għall-istudenti kollha.

#### FILWAQT LI JAGĦRFU LI:

16. Mill-2010 'l hawn sar progress sinifikanti fir-rikonossiment u l-avvanz tad-drittijiet u l-benesseri tat-tfal u ż-żgħażaġh, kemm fl-Ewropa kif ukoll fuq skala globali. Ġew adottati ftehimiet u impenji internazzjonali mmirati lejn it-titjib tal-ħajja tat-tfal u ż-żgħażaġh. Eżempji notevoli jinkludu l-Għanġiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, l-ewwel Strateġija komprensiva tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, kif ukoll il-kontributi u r-riżorsi sinifikanti pprovduti mill-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam tad-drittijiet taż-żgħażaġh u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, bħar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2016)7 dwar l-aċċess taż-żgħażaġh għad-drittijiet,
17. It-tfal u ż-żgħażaġh madwar l-Unjoni Ewropea qed jiffaċċaw soċjetà kumplessa u li qed tinbidel<sup>11</sup> milquta minn varjetà ta' żviluppi u sfidi bla preċedent: il-kriżi planetarja tripla (it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis), il-pandemija tal-COVID-19, l-iżvantaġġi tal-aċċellerazzjoni tar-rivoluzzjoni diġitali, kif ukoll il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kunflitt fil-Lvant Nofsani, kunflitti u gwerer oħra fid-dinja u theddid ieħor għas-sigurtà. Dawn iċ-ċirkostanzi u l-fenomeni għandhom ukoll impatt fuq is-saħħa mentali u l-benesseri tat-tfal u ż-żgħażaġh,

---

<sup>11</sup> "filwaqt li jinnotta bi tħassib, fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li t-tfal huma friskju akbar mill-adulti waqt il-kunflitti armati u l-konsegwenzi tagħhom, u filwaqt li jafferma li jeħtieġ li jiġu protetti, b'mod partikolari mill-konskrizzjoni u l-użu tagħhom fl-armata jew f'forzi armati oħra kif ukoll mit-traffikar tal-bnedmin, mill-adozzjoni illegali, minn sfruttament sesswali u mis-separazzjoni mill-familji tagħhom; li l-istess jgħodd f'sitwazzjonijiet oħra ta' kriżi u ta' emerġenza kkawżati mit-terroriżmu, minn kriżi tas-saħħa pubblika, minn kriżi ekonomika, mit-tibdil fil-klima jew mid-diżastri naturali". - Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (10024/22) (p. 3).

18. It-tfal u ż-żgħażaġħ huma detenturi tad-drittijiet individwali, atturi tal-bidla u forza importanti fis-soċjetà tagħna, kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Huma jkomplu jagħmlu mobilizzazzjoni għat-tħassib tagħhom, u dan jikkontribwixxi għal bidla pożittiva fis-soċjetà<sup>12</sup>. It-tfal u ż-żgħażaġħ, fid-diversità kollha tagħhom, għandhom ikunu faċilitati, appoġġati u mogħtija s-setgħa fl-involvement pożittiv u attiv tagħhom għat-tħassib tagħhom, kemm fl-ambjenti fiżiċi kif ukoll f'dawk diġitali, u għandhom jingħataw spazji biex jesprimu l-vuċijiet u l-opinjoni tagħhom. Filwaqt li jibnu fuq inizjattivi eżistenti, dawn l-ispazji għandhom jiffasslu skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi fil-mira u jiżguraw li l-parteċipazzjoni tkun sinifikanti, inklużiva u sikura. Għandhom jiġu stabbiliti sinerġiji mill-qrib biex tiġi żgurata kontinwità ta' parteċipazzjoni mit-tfal saż-żgħażaġħ,
19. L-impenn għall-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal u l-promozzjoni ta' aċċess ugwali u ekwu miż-żgħażaġħ għad-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom, fil-qalba tal-politiki Ewropej u internazzjonali, jeħtieġu li jiġu riaffermati u msaħħa.

#### FILWAQT LI JIEĦDU NOTA TA':

20. Id-dokument tal-ogħla livell tekniku tal-2023 intitolat "L-Aġendi tal-Politika Ewropej u Internazzjonali dwar it-Tfal, iż-Żgħażaġħ u d-Drittijiet tat-Tfal",
21. Bħala parti mill-pakkett "Difiża tad-Demokrazija", ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tal-involvement u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika<sup>13</sup>, li, b'mod partikolari, tippromwovi l-parteċipazzjoni sinifikanti, inklużiva u sikura tat-tfal u taż-żgħażaġħ mingħajr diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip u tistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-parteċipazzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġħ fil-ħajja politika u demokratika fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, inkluż f'żoni rurali u remoti,

---

<sup>12</sup> L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (2018/C 456/01); Artikolu 51 Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli (A/RES/70/1): "It-tfal u l-bniet u l-ġuvintur huma aġenti kritiċi tal-bidla u fl-Għanijiet il-ġodda ser isibu pjattaforma biex jidderieġu l-kapaċitajiet infiniti tagħhom għall-attiviżmu lejn il-ħolqien ta' dinja aħjar." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

<sup>13</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tal-involvement u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika, C(2023)8627 final, 12.12.2023.



22. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni u t-tiżni tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew,<sup>14</sup> li tkopri l-appoġġ liċ-ċittadini żgħażaġh fl-eżerċizzju tad-drittijiet elettorali tagħhom, kemm bħala votanti kif ukoll bħala kandidati, u l-promozzjoni tal-involviment politiku, b'enfasi speċjali fuq iż-żgħażaġh, speċjalment dawk li jkunu qed jivvutaw għall-ewwel darba. Dan l-appoġġ jista' jinkludi azzjonijiet bħat-trawwim tal-edukazzjoni ċivika, l-organizzazzjoni ta' simulazzjonijiet elettorali fl-iskejjel, testijiet dwar l-għarfien jew kompetizzjonijiet tal-arti dwar l-elezzjonijiet, kampanji ta' komunikazzjoni adattati għaż-żgħażaġh, gwidi elettorali biex it-tfal u l-adolexxenti jiffamiljarizzaw ruħhom mal-proċess ta' reġistrazzjoni u ta' votazzjoni, l-inkoraġġiment tal-istudenti biex isiru osservaturi elettorali, u programmi bejn il-pari,
23. L-Istrateġija għal Internet Aħjar għat-Tfal (BIK+), li tappoġġa approċċ komprensiv, orjentat lejn il-prevenzjoni u b'diversi partijiet ikkonċernati bbażat fuq ambjent diġitali sikur u adattat għall-età, l-awtonomizzazzjoni diġitali u l-parteċipazzjoni attiva tat-tfal, li jgħib l-attivitajiet ta' parteċipazzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġh fuq quddiem nett; barra minn hekk, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), li għandu l-protezzjoni tat-tfal bħala objettiv ewlieni,
24. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali,<sup>15</sup> li jistiednu lill-Istati Membri biex jissensibilizzaw il-pubbliku, inkluż it-tfal u ż-żgħażaġh, dwar l-importanza tal-protezzjoni tal-privatezza u d-data personali tagħhom fid-dinja diġitali, inkluż id-dritt ta' aċċess għad-data personali tagħhom stess, id-dritt li jintesew, u kif jiġu kkonfigurati l-konfigurazzjonijiet tal-privatezza u l-użu tal-kriptaġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mistiedna jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jipprovdu protezzjoni speċifika u/jew ħiliet diġitali mfassla għall-ħtiġijiet tat-tfal u ż-żgħażaġh,

---

<sup>14</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2829 tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni u t-tiżni tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

<sup>15</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali, 14309/23.

25. L-eżiti tas-seminar tal-esperti mill-21 sat-23 ta' Jannar 2024 li sar f'Leuven u rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-azzjoni (mehmuża fl-Anness IV).

FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW:

26. L-importanza kruċjali tal-ħidma mwettqa fil-qasam tat-tfal, iż-żgħażaġh u d-drittijiet t-tfal, kif ukoll ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fil-promozzjoni, l-appoġġ, l-iżvilupp u d-difiża tad-drittijiet tat-tfal u taż-żgħażaġh,
27. Il-ħtieġa li jiġu integrati d-drittijiet tat-tfal, kif ukoll il-perspettiva tat-tfal u l-perspettiva taż-żgħażaġh fl-oqsma politiċi rilevanti kollha biex jiġu żgurati politiki koerenti, komprensivi u inklużivi għat-tfal u ż-żgħażaġh, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet<sup>16</sup>, dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli<sup>17</sup>, inkluż, dawk b'diżabbiltà, dawk mill-komunità LGBTI<sup>18</sup>, kif ukoll dawk li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, li huma spostati jew li qed ifittxu rifuġju,
28. Il-valur tal-involviment attiv u l-involviment tat-tfal u ż-żgħażaġh f'deċizzjonijiet li jaffettwawhom ħajjithom, inkluż fl-elezzjonijiet fejn rilevanti, filwaqt li jiġi rikonoxxut id-dritt tagħhom li jipparteċipaw fi kwistjonijiet li jikkonċernawhom, f'konformità mal-prinċipji minquxa fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal<sup>19</sup>, l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, l-Artikolu 24(1) u (2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal u l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ inkluż id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ.

---

<sup>16</sup> UNCRC, Kumment Ġenerali 4 dwar is-Saħħa u l-Iżvilupp tal-Adolexxenti fil-Kuntest tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

<sup>17</sup> Riżoluzzjoni dwar l-eżiti tad-disa' ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ 2023/C 185/04, il-paragrafu 36 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid ta' deċizzjonijiet ta' politika fl-Unjoni Ewropea (C/2023/1337) u l-Kumment Ġenerali Nru 12 (2009) tas-CRC tan-NU dwar id-Dritt li wieħed jinstema'.

<sup>18</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċizzjonijiet politiċi fl-Unjoni Ewropea (C/2023/1342); L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (COM(2020) 698 final).

<sup>19</sup> L-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-Nazzjonijiet Uniti.

## FILWAQT LI JILQGĦU:

29. L-isforzi, il-programmi, l-inizjattivi u l-għodod konġunti tal-UE bħal Erasmus+, it-Tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ<sup>20</sup>, il-Garanzija tal-UE għat-Tfal, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (2021-2022), is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022) u l-legat tagħha, id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, in-Network tal-UE għad-Drittijiet tat-Tfal, il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal, il-Wiki għaż-Żgħażaġħ, il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, il-pjattaforma tal-Internet Aħjar għat-Tfal (BIK) u d-Dikjarazzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali<sup>21</sup>,
30. L-enfasi tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) (2021-2027) fuq, fost l-oħrajn, l-appoġġ, l-avvanz u l-implimentazzjoni ta' politiki komprensivi mmirati lejn il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal<sup>22</sup>,
31. L-enfasi tal-Programm Erasmus+ u l-Prinċipju 1 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fuq l-importanza ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità tajba,
32. Il-ħidma tal-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ u l-Koordinatur tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tat-Tfal, kif ukoll il-ħidma tal-Koordinaturi nazzjonali tal-Garanzija għat-Tfal inkarigati mill-koordinazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni dwar il-Garanzija għat-Tfal.

---

<sup>20</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.

<sup>21</sup> "Il-protezzjoni u s-setgħa lit-tfal u ż-żgħażaġh fl-ambjent diġitali" taħt il-Kapitolu V "Sikurezza, sigurtà u l-għoti tas-setgħa" tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali (2023/C 23/01).

<sup>22</sup> L-Artikolu 4 tar-Regolament 2021/692 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri.

FILWAQT LI JQISU LI:

33. Il-ħajja u l-prospetti futuri taż-żgħażaġħ huma kkaratterizzati mill-opportunitajiet, l-appoġġ u l-protezzjoni li jirċievu matul it-tfulija,
34. Tranżizzjoni bla xkiel mit-tfulija għall-ħajja adulta, speċjalment għal dawk iż-żgħażaġħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, teħtieġ li tiġi ffaċilitata permezz ta' politiki infurmati u koordinazzjoni aħjar bejn il-politiki kkonċernati,
35. Fil-firxa tal-età indirizzata mill-kooperazzjoni tal-Politika tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ, hemm intersezzjoni bejn it-tfal u ż-żgħażaġħ, b'mod partikolari sal-età ta' 18-il sena,
36. Dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill għandhom l-għan li jissensibilizzaw u jipproponu toroq biex jinkisbu kooperazzjoni, koordinazzjoni, informazzjoni u skambju aħjar fil-livell Ewropew rigward l-oqsma politiċi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet.

GĦALDAQSTANT JISTIENDU LILL-ISTATI MEMBRI FIL-LIVELLI ADATTI,  
B'KUNSIDERAZZJONI XIERQA GĦAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI SPEĊIFIĊI  
TAGĦHOM, BIEX:

37. Iqisu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni, jew jelaoraw fuq strateġiji nazzjonali eżistenti jew politiki integrati jew koordinati ekwivalenti oħra għad-drittijiet tat-tfal u ż-żgħażaġh, filwaqt li jistinkaw għall-koerenza politika bejn it-tfal, id-drittijiet tat-tfal u l-affarijiet taż-żgħażaġh, u b'hekk jiġi żgurati li d-drittijiet tat-tfal u l-perspettiva tat-tfal u l-perspettiva taż-żgħażaġh ikunu kkoordinati fl-oqsma politiċi rilevanti kollha, filwaqt li jirrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi relatati mal-età, fid-dawl tal-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal u l-acquis rilevanti tal-UE,
38. Fejn applikabbli, jiżguraw li l-parteciġazzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġh tkun inkorporata strutturalment fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw it-tfal u ż-żgħażaġh billi jiġu stabbiliti pjattaformi u mekkaniżmi aċċessibbli li jipromwovu l-parteciġazzjoni attiva tagħhom jew billi l-pjattaformi jew il-mekkaniżmi eżistenti jsiru aktar aċċessibbli, billi jiġu pprovduti r-riżorsi u l-appoġġ meħtieġa għall-funzjonament effettiv tagħhom u billi jiġi żgurati li l-parteciġazzjoni tagħhom tkun sinifikattiva, inklużiva u sikura,
39. Jipromwovu għodod u programmi inklużivi għall-età u inklużivi għad-diżabbiltà li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-parteciġazzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE (bħal Erasmus+ Żgħażaġħ, inkluż id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, il-Pjattaforma tal-Involviment taċ-Ċittadini u l-Pjattaforma tal-UE għall-Parteciġazzjoni tat-Tfal),
40. Iżidu l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu u jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza kontra t-tfal u ż-żgħażaġh, inkluż billi jieħdu miżuri biex jiproteġu lit-tfal u liż-żgħażaġh mid-diskriminazzjoni għar-raġunijiet identifikati fil-paragrafu 2, u jiżguraw ambjent sikur, ta' appoġġ u inklużiv għat-tfal kollha fl-iskola, b'mod partikolari dawk li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli filwaqt li jirrispettaw kif xieraq l-individwalità tagħhom<sup>23</sup>.

---

<sup>23</sup> L-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal (COM(2021) 142), p. 7.

41. Jinfurmaw u jedukaw lit-tfal u liż-żgħażaġh, fid-diversità kollha tagħhom, dwar id-drittijiet tagħhom u, fejn rilevanti, ir-responsabbiltajiet, inkluż id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE u, fejn applikabbli, id-dritt taż-żgħażaġh li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet, jipprovdu informazzjoni aċċessibbli adattata għat-tfal u adattata għaż-żgħażaġh, itejbu l-appoġġ u l-aċċess għas-servizzi u jagħtuhom is-setgħa u jgħammruhom biex isiru ċittadini attivi u infurmati li kapaċi jixprunaw bidla pożittiva fil-komunitajiet tagħhom u lil hinn minnhom. Barra minn hekk, ikabbru s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal u ż-żgħażaġh li jaħdmu lejn ir-realizzazzjoni ta' soċjetajiet inklużivi.

**GĦALDAQSTANT JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETA, BIEX:**

42. Issaħħaħ is-sinerġiji fl-implimentazzjoni bejn l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 u l-Istrateġija BIK+ u l-istrateġiji suċċessuri possibbli, permezz ta' prijoritajiet u azzjonijiet kondiviżi, b'mod partikolari permezz tal-kooperazzjoni bejn il-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ u l-Koordinatur tal-Kummissjoni Ewropea għad-Drittijiet tat-Tfal,
43. Tistinka għall-kontinwazzjoni tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal, il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini u l-pjattaforma BIK u s-sinerġiji bejniethom, billi tipprovdi informazzjoni, riżorsi u finanzjament adegwat u telabora kif dawn jistgħu jitkomplew fil-programmi rilevanti tal-UE biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet tat-tfal u ż-żgħażaġh,

44. Iżżomm impenn transsettorjali sod għas-salvagwardja, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet u l-benesseri tat-tfal u ż-żgħażaġh, fid-diversità kollha tagħhom, kemm offline kif ukoll online, filwaqt li tiżgura l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fit-tiswir tal-Ewropa fiċ-ċikli politiċi attwali u futuri tal-UE,
45. Tivvaluta l-kontinwazzjoni tal-aġġornament biennali tad-dokument tal-ogħla livell tekniku tal-2023 intitolat "L-aġendi tal-politika Ewropej u internazzjonali dwar it-tfal, iż-żgħażaġh u d-drittijiet tat-tfal" fejn xieraq bl-appoġġ, l-involviment u l-għarfien espert tas-Sħubija taż-Żgħażaġħ UE-Kunsill tal-Ewropa.

GĦALDAQSTANT JISTIENDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI XIERQA, B'RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

46. Jipprovdu u jiżguraw aċċess sikur għall-ispazji tat-tfal u taż-żgħażaġh għal parteċipazzjoni sinifikanti, inklużiva u sikura,
47. Jistimulaw il-monitoraġġ tal-progress u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-politiki relatati mat-tfal, id-drittijiet tat-tfal u l-affarijiet taż-żgħażaġh, billi jagħmlu użu mill-mekkaniżmi, l-indikaturi u l-punti ta' riferiment eżistenti biex jivvalutaw l-effettività tal-miżuri meħuda u jagħmlu dawk il-proċessi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni inklużivi għat-tfal u ż-żgħażaġh.

**Referenzi**

*UE interistituzzjonali*

- Trattat dwar l-Unjoni Ewropea
- Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2012/C 326/02)

*Istituzzjonijiet Ewropej*

- Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-eżiti tad-disa' ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ (2023/C 185/04)
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal" - COM(2021) 142 final
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażaġh: l-istrateġija Ewropea l-għida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+)
- Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022)



- Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1475 u (UE) Nru 375/2014
- Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar ir-Regolament Nru 1288/2013
- Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (2018/C 456/01)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-Aġendi tal-Politika Ewropej u Internazzjonali dwar it-Tfal, iż-Żgħażaġħ u d-Drittijiet tat-Tfal (2010/C 326/01)

### Kunsill tal-Ewropa

- Strateġija tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Edukazzjoni 2024-2030
- Strateġija tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tat-Tfal (2022-2027)
- Strateġija għas-settur taż-Żgħażaġħ 2030 tal-Kunsill tal-Ewropa

### Nazzjonijiet Uniti

- Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokollu Fakultattiv u l-Kummenti Ġenerali tagħha
- Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli)

Definizzjonijiet tal-kunċetti ewlenin għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet:

Tfal

"Kull persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena, sakemm l-età maġġuri ma tintlaħaqx qabel permezz tal-liġi applikabbli għat-tfal" (f'konformità mal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC))

Żgħażaġħ

Żgħażaġħ minn 13 sa 30 sena (kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament 2021/817 li jistabbilixxi l-programm Erasmus+)

**Referenzi, dokumenti, rapporti, data addizzjonali:**

Unjoni Ewropea

- Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal 2023
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022, COM(2024)1
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tal-involvement u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika, C(2023)8627 final, 12.12.2023
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2829 tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni u t-tiżi tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi fl-Unjoni Ewropea (C/2023/1342)

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali (COM(2023) 298 final)
- Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar is-salvagwardja u l-ħolqien ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġh li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh (2021/C 501 I/04)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet (2021/C 241/03)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjegi – Tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (2020/C 372/01)
- Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

- Rizzoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2014 dwar il-ħarsa ġenerali lejn il-proċess ta' djalogu strutturat inkluż l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġħ (2014/C 183/01)
- Inizjattiva ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal mill-Kummissjoni Ewropea
- Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali (2023/C 23/01)

### Kunsill tal-Ewropa


- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2023)9 dwar il-parteċipazzjoni politika attiva taż-żgħażaġħ minn minoranza nazżjonali
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2016)7 dwar l-aċċess taż-żgħażaġħ għad-drittijiet
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2012)2 dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġħ taħt l-età ta' 18-il sena

## Nazzjonijiet Uniti

- Kummenti Ġenerali, Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal
- Dikjarazzjoni taż-żgħażaġh fl-okkażjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem 75 tan-Nazzjonijiet Uniti
- Nota ta' Gwida tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Integrazzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal
- Dokument ta' Sintesi 3 tas-Segretarju Ġenerali: Involvement sinifikanti taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet
- Riżoluzzjoni 51/17 dwar iż-Żgħażaġħ u d-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Ottubru 2022
- Rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU: "l-aġenda komuni tagħna"
- Riżoluzzjoni 2250 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar iż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà (2015)
- Strateġija tan-NU għaż-Żgħażaġħ
- Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar l-Aġenda dwar it-Tfal u l-Kunflitti Armati, jiġifieri: 1261 (1999); 1314 (2000); 1379 (2001); 1460 (2003); 1539 (2004); 1612 (2005); 1882 (2009); 1998 (2011); 2068 (2012); 2143 (2014); 2225 (2015); 2427 (2018); 2601 (2021)

Rapport dwar l-eżiti tas-Seminar Ewropew ta' Esperti dwar l-evalwazzjoni u l-aġġornament tal-aġendi tal-politika Ewropej u internazzjonali fil-qasam tat-tfal, iż-żgħażaġh u d-drittijiet tat-tfal li sar bejn il-21 u t-23 ta' Jannar 2024 f'Leuven matul il-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn Dr Dan Moxon (Rapporteur Ġenerali):

Mudell ta' koerenza politika bejn it-Tfal, iż-Żgħażaġħ u d-Drittijiet tat-Tfal



Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni

- L-istabbiliment ta' mekkaniżmu kontinwu fil-livell tal-UE biex jiġu ffaċilitati l-kordinazzjoni, il-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-oqsma politiċi taż-żgħażaġh u tad-drittijiet tat-tfal fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE. Tali mekkaniżmu għandu jfittex li jippermetti aħjar il-koerenza politika bejn iż-żewġ oqsma u jrawwem koerenza fl-oqsma tematiċi ewlenin ta' sinerġija.



- It-tkomplija ta' approċċ koordinat bejn il-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ u l-Koordinatur dwar id-Drittijiet tat-Tfal biex jiġi żgurat li d-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet taż-żgħażaġh, u l-perspettivi tat-tfal u taż-żgħażaġh jiġu integrati fl-oqsma politiċi rilevanti kollha fil-livell tal-UE. Bħala parti minn dan, iż-żewġ koordinaturi għandhom jimmonitorjaw u jidentifikaw b'mod regolari t-tħassib li huwa komuni għat-tfal u ż-żgħażaġh kif imqajjem permezz tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, il-Pjattaforma tal-UE għall-parteċipazzjoni tat-tfal u mekkaniżmi parteċipattivi oħra. Imbagħad għandha tittieħed azzjoni konġunta biex jiġu stimulati reazzjonijiet ta' politiċi transettorjali għal dawn.
- Il-kunsiderazzjoni ta' kif id-drittijiet u l-ilħna tat-tfal jistgħu jiġu indirizzati permezz tal-użu tal-potenzjal sħiħ tal-qafas tar-Regolamentazzjoni Aħjar, u b'mod partikolari jekk "verifika għaż-żgħażaġh tfal" tistax tiġi żviluppata bħala mekkaniżmu komplementari jew integrat flimkien mal-verifika l-ġdida tal-UE għaż-żgħażaġh.
- It-tkomplija tal-aġġornament biennali tad-dokument tal-ogħla livell tekniku "L-aġendi tal-politika Ewropej u internazzjonali dwar it-tfal, iż-żgħażaġh u d-drittijiet tat-tfal", u l-bini ulterjuri fuq dan bl-immappjar tal-koerenza politika bejn il-politika dwar it-Tfal, iż-Żgħażaġħ u d-Drittijiet tat-Tfal fil-livell nazzjonali.

- It-twertiq ta' analiżi sistematika u riċerka ta' opportunitajiet konkreti għall-koerenza politika fi ħdan l-oqsma ewlenin ta' sinerġija. Din l-analiżi għandha tidentifika eżempji tal-aħjar Prattika, għodod replikabbli, u potenzjal għal implimentazzjoni komuni u/jew inizjattivi ta' monitoraġġ bejn iż-żewġ oqsma.
- L-użu mtejjeb tal-pjattaformi eżistenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, bħall-Wiki tal-UE għaż-Żgħażaġħ, biex tiġi mmappjata u kondiviża l-informazzjoni dwar l-attivitajiet eżistenti ta' kollaborazzjoni jew koordinazzjoni fil-livell nazzjonali fil-politika kollha dwar it-Tfal, iż-Żgħażaġħ u d-Drittijiet tat-Tfal fl-Istati Membri.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jirrappreżentaw punti ta' tluq għall-iżvilupp ta' koerenza akbar, li qajmu diskussjoni fis-seminar tal-esperti. Aktar miżuri konkreti x'aktarx li jkunu meħtieġa u identifikati hekk kif l-aġenda tal-koerenza timxi 'l quddiem. Fuq kollox, ir-rieda politika miftiehma u l-involviment tal-atturi kollha, inkluż l-istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri, u s-soċjetà ċivili, f'kollaborazzjoni mat-tfal u ż-żgħażaġh, ser ikunu meħtieġa biex javvanzaw din l-aġenda.

---